

Sommarju Eżekuttiv ta' The Cybercrime Judicial Monitor

Data:

27 ta' Mejju 2021

URL<https://www.eurojust.europa.eu/cybercrime-judicial-monitor-issue-6>

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) tippreżenta din is-sitt ħarġa tal-*Monitor Ġudizzjarju dwar iċ-Ċiberkriminalità (CJM)*. Is-CJM jiġi ppubblikat darba fis-sena u jitqassam lill-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi attivi fil-qasam tal-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità ffaċilitata miċ-ċibernetika. Jiġi prodott fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta minn membri tan-*Network Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità (EJCN)*. Il-ħarġiet kollha tas-CJM huma disponibbli fuq is-sit web tal-Eurojust.

Bħall-ħarġiet preċedenti tas-CJM, din il-ħarġa fiha erba' taqsimiet ewlenin. L-ewwel taqsima tkopri żviluppi leġiżlattivi fil-qasam taċ-ċiberkriminalità, tal-kriminalità ffaċilitata miċ-ċibernetika u tal-evidenza elettronika fl-2020.

It-taqsimi tal-analiżi legali tippreżenta analiżi legali ta' deċiżjonijiet maħruġa minn qrati fi Stati Membri u pajjiżi mhux fl-UE u minn qrati Ewropej. Il-qrati ddeċidew dwar diversi kwistjonijiet relatati maċ-ċibernetika, bħat-tħassir ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar il-monitoraġġ ta' messaġġi kriptati (l-Awstrija); l-aċċess għal *data* kriptata mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-prinċipju *nemo tenetur* (il-Belġju); il-ħasil tal-flus permezz ta' pjattaforma ta' skambju ta' kriptovaluta tad-dħul tal-Locky ransomware (Franza); u t-tfittxija u l-qbid ta' mobile li fih komunikazzjonijiet li jirrigwardaw il-privileġġ professjonali legali (LPP) (il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem). Diversi deċiżjonijiet oħra tal-qorti nazzjonali huma wkoll spjegati fil-qosor.

It-taqsimi li jmiss tkopri l-iżviluppi fl-Unjoni Ewropea matul is-sena li għaddiet fir-rigward taż-żamma tad-*data*. Qed tiġi pprovduta ħarsa ġenerali lejn żviluppi reċenti leġiżlattivi u ta' każistika nazzjonali.

Minħabba d-deċiżjonijiet importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ta' Ottubru 2020 u s-sejthiet apparentement dejjem jizjeddu minn ħafna Stati Membri għal qafas legali armonizzat fil-livell tal-UE dwar iż-żamma tad-*data*, is-suġġett ta' interess f'din il-ħarġa tas-CJM jipprovdwi ħarsa ġenerali tad-deċiżjonijiet ewlenin kollha tal-QĠUE sa issa fir-rigward taż-żamma tad-*data* għall-iskop ta' investigazzjonijiet kriminali u prosekuzzjonijiet. Kull waħda mis-sitt deċiżjonijiet hija ppreżentata, inklużi d-domandi riferuti lill-QĠUE għal deċiżjoni preliminari u d-deċiżjoni tal-qorti.